MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2014

Numru. 1291/2008

**Artikoli 17, 18, 23, 31 261(b)(c) u (f), 263, 264, 265, 267, 270, 278(1)(2) u (3), 279, 280(1)(2), 281(a), 317(a)(ii), (b), 318, 325(1)(a) u (2) u 533 tal-Kapitolu 9tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Magistrat**

**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D. Dip. Matr. (Can)**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Jesmond Micallef)**

**vs**

**SAMUEL SEGUNA**

**RICHARD MUSCAT**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputati **Samuel Seguna,** ta’ 22 sena, iben Raymond u Maria nee' Cossai, imwieled Pieta' fil-5 ta’ Novembru, 1986 u residenti Flat 2, Kensington, Triq il-Pagell, San Pawl il-Bahar, u detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 506486(M)

u

**Richard Muscat**, ta' 18-il sena, iben Mario u Fiona nee' Azzopardi, imwieled Pieta' nhar l-10 ta' Dicembru 1990, residenti Costa Del Sol

Flats, Flt 6, Triq C. De Lucca, San Pawl il-Bahar, u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 7391M gew akkuzati talli:-

1. Nhar it-12 ta' Frar 2008, matul il-lejl, minn gewwa l-fond Tanit, Triq it-Trunciera, San Pawl il-Bahar, ikkommettew serq ta' diversi oggetti, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeccedi l-elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37), bil-hin, kif ukoll bil-mezz u li sar ghad-detriment ta' Emanuel Demanuele u/jew persuni ohra;

2. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi mmedjatament hawn fuq imsemmija, volontarjament taw in-nar lil bini, gharix, jew lok iehor imsemmi fl-artikolu 316, meta fil-waqt ma kien hemm ebda persuna hemm gewwa, u dan il-bini, gharix jew lok iehor, ma kienx b'mod li jista' jqabbad hruq f'bini iehor, gharix, jew lok iehor fejn waqt il-hruq kien hemm xi persuna hemm gewwa u li sar ghad-detriment ta' Emanuel Demanuele u/jew ta' persuni ohra;

U permezz ta' zieda awtorizzata b'digriet mghoti fis-seduta tat-28 ta' Dicembru, 2010:

3. Kif ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara jew teccedi elf, mija u erbgha u sittin Ewro

u disgha u sittin centezmu (Ewro1,164.69) li sar ghad-detriment ta' Emanuel Demanuele u/jew persuni ohra.

U billi **Samuel Seguna** wahdu akkuzat talli:

4. Bejn il-perjodu tal-1 u l-5 ta' Frar 2008, matul il-lejl, minn gewwa l-fond George's Restaurant, Plajjet Bognor, San Pawl il-Bahar, ikkommetta serq ta' diversi oggetti, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeccedi l-mitejn, tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) bil-hin, u li sar ghad-detriment ta' George Falzon u/jew ta' persuni ohra;

5. Nhar id-19 ta' Frar 2008, matul il-lejl, minn gewwa l-fond Property Quest, Dawret il-Gzejjer, San Pawl il-Bahar, ikkommetta serq ta' diversi oggetti, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeccedi l-elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37) bil-hin, kif ukoll bil-mezz, u li sar ghad-detriment ta' George Cassar u/jew ta' persuni ohra;

U finalment billi **Richard Muscat** wahdu akkuzat talli:

6. Kiser il-provedimenti tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, b'sentenza moghtija lilu mill-Qorti ta' Malta nhar it-28 ta' Frar 2007;

Illi permezz ta' digriet mghoti fis-seduta tat-28 ta' Dicembru, 2010:

7. Kif ukoll talli sar recediv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'sentenza moghtija lilu mill-Qorti ta' Malta nhar it-28 ta' Frar 2007, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula jew imhassra.

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni fosthom ic-certifikat tat-twelid taz-zewg imputati mmarkati bhala dok JM1 u JM3 rispettivament u l-fedina penali taz-zewg imputati mmarkati bhala dokument JM 2 u JM 4 rispettivament.

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali datata 18 ta’ Awwiwwu, 2011 esebita fl-atti a fol 224 tal-process sabiex din il-kawza tigi trattata b’mod sommarju minn din il-Qorti.

Rat illi fit-12 ta’ Settembru, 2012 gew moqrija l-Artikoli tat-18 ta’ Awwissu, 2011 kif mibghuta mill-Avukat Generali  u l-imputati ddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni li din il-Qorti tigi trattata u deciza minn din il-Qorti fil-vesti taghha fuq riferita.

Illi permezz ta' digriet tal-11 ta' Marzu, 2009, il-Qorti kkonfermat in-nomina tal-esperti nominati mill-Magistrat Inkwirenti fl-Inkjesti, u ghamlitha taghha ghall-fini ta’ din il-kumpilazzjoni.

**Robert Bugeja** xehed fil-11 ta' Marzu, 2009  u esebixxa Dok RB1 li huwa l-process verbal redatt mill-Magistrati Inkwirenti Dr Joseph Apap Bologna dwar nar fil-hanut bl-isem ta'  ‘Tanny’,  fi triq it-Trunciera, San Pawl il-Bahar, skont rapport tal-Pulizija tat-12 ta' Frar, 2008. Ix-xhud esebixxa wkoll dokument iehor immarkat bhala Dok RB2, u process verbal redatt mill-Magistrat Inkwirenti Dr. Antonio Micallef Trigona rigwardanti nkjesta dwar serq minn ‘Property Quest’, Dawret il-Gzejjer, San Pawl il-Bahar, nhar id-19 ta' Frar, 2008. Ix-xhud esebixxa wkoll Dok RB3, u cioe' vera kopja fotostatika ta' process verbal dwar serq bi sgass mill-fond ‘George's Restaurant’, Islet Promenade, Bugibba, datat 5 ta' Frar, 2008, liema process verbal gie redatt mill-Magistrat Dr. Doreen Clarke.

**Professur Alfred Vella** xehed nhar il-11 ta' Marzu, 2009, u pprezenta dok AV1, u cioe' ir-relazzjoni tieghu dwar l-inkjesta dwar nar fil-hanut bl-isem ‘Tanny’, Triq it-Trunciera, San Pawl il-Bahar, skond rapport tal-Pulizija tat-12 ta' Frar, 2008. Ix-xhud ikkonkluda dwar il-hruq tal-hanut kif gej:

*(a) kien hemm ingress doluz fil-post li jirrizulta mill-fatt li nstab provi li l-bieb ta' barra B3 kien sgassat;*

*(b) il-fatt li fil-hin li dahal fil-post xi njot, jew aktar minn wiehed, sehh ukoll nar iwassal ghall-konkluzjoni li n-nar ma kienx accidentali imma x'aktarx ikkawzat mill-persuna jew persuni li dahlu fil-fond;*

*(c)il-fatt li ma kienx hemm applicances elettrici qieghdin jahdmu fil-post fil-hin li sehh in-nar jikkorrobora l-konkluzjoni li n-nar ma kienx ta' natura accidentali kkawzat minn agenzija elettrika;*

*(d) in-nar jidher li beda fl-intern tal-kamra (1) u l-fatt li l-bieb B2 ta' din il-kamra kien miftuh ghen sabiex il-hsara bi hruq f'kamra (2) baqghet limitata tal-inqas ghall-perjodu ta' hin u dan peress li parti mill-volum ta' gassijiet shan u duhhan setghet tahrab ghal barra minn dan il-bieb;*

*(e) l-esponent ma fittix ghall-prezenza ta' xi fuwil bhal petrol, pitrolju etc fil-kmamar (1) jew (2); f'dawn il-kmamar izda kien hemm abbundanza ta' oggetti li setghu hadu n-nar facilment jekk gew incendjati deliberatament anke minghar uzu ta' accelleranti".*

**PS171 Karl Glenville** xehed nhar il-11 ta' Marzu, 2009, u pprezenta relazzjoni tieghu Dok KG1, liema relazzjoni saret in ezekuzzjoni tal-inkarigu moghti lilu mill-Magistrat Inkwirenti Dr. Joseph Apap Bologna f'inkjesta dwar nar fil-hanut bl-isem 'Tanny', Triq it-Trunciera, San Pawl il-Bahar, skond rapport tal-Pulizija tat-12 ta' Frar, 2008.

**PS964 Robert Scicluna** xehed nhar il-11 ta' Marzu, 2009, u pprezenta kopja tar-relazzjoni tieghu rigward flimkien ma' ritratti (Dok PRS1) liema relazzjoni kien ordnat jaghmel mill-Magistrati Inkwirenti Dr. Doreen Clarke f'inkjesta ta' serq bi sgass minn fond 'George's Restaurant', Islet Promenade, Bugibba nhar il-5 ta' Frar, 2009. Stqarr illi l-original kien gie esebit quddiem il-Magistrati Inkwirenti Dr. Doreen Clarke, flimkien ma' 24 ritratt bil-kulur li huma kopji li kien ghamilhom ix-xhud stess, u anke l-originali kien hadhom ix-xhud stess.

**PS214 Luke Bonello** xehed nhar il-11 ta' Marzu, 2009, u esebixxa dok PLB1 u cioe' l-okkorenza rigwardanti n-nar fil-hanut bl-isem 'Tanny', Triq it-Truniciera, San Pawl il-Bahar, skond ir-rapport tal-Pulizija tat-12 ta' Frar, 2008. Huwa kkonferma l-kontenut tal-okkorrenza.

**Spettur Jesmond Micallef**, xehed nhar il-11 ta' Marzu 2009, u esebixxa bhala dokument JM5, stqarrija tal-imputat Samuel Seguna datata 15 ta' Awwissu, 2008, u jikkonferma li gharaf lil Samuel Seguna bhala wiehed mill-imputati li kien prezenti fl-awla. Ix-xhud jikkonferma li l-imputat kien inghata twissija skond il-Ligi, u li kien irrilaxxa l-istqarrija b'mod volontarju. Ix-xhud gharaf il-firma tieghu, dik ta' PC9 Chris Abela, kif ukoll tal-imputat Samuel Seguna li ghazel li jiffirma l-istqarrija. Dawn il-firem gharafhom kull fejn jidhru fuq l-istqarrija. Esebixxa ukoll dok JM6, u cioe' stqarrija ohra tal-imputat Samuel Seguna datata l-1 ta' Settembru, 2008, u jerga' jikkonferma li

din l-istqarrija nghatat b'mod volontarju, u gharaf il-firma tieghu, dik ta' PS435 David D'Amato, u jikkonferma li qed jaghrafhom kull fejn jidhru f'din l-istqarrija. Jghid illi Samuel Seguna ghazel li ma jiffirmax din l-istqarrija.

Ix-xhud esebixxa ukoll Dok JM7, u cioe' stqarrija ohra tal-imputat Richard Muscat datata l-21 ta' Awwissu, 2008, u jikkonferma li kien qieghed jaghrfu fl-awla, u li l-imputat Muscat ukoll kien inghata t-twissija skond il-ligi u li din l-istqarrija nghatat b'mod volontarju, u gharaf il-firma tieghu, dik ta' PC9 Chris Abela u Richard Muscat u jikkonferma li qed jaghrafhom kull fejn jidhru f'din l-istqarrija. Jghid illi Richard Muscat ghazel li jiffirma din l-istqarrija.

Ix-xhud ghalaq ix-xhieda tieghu billi jghid li f'dawn l-istqarrijiet l-imputati kienu ammettew l-involviment taghhom rigwardanti s-serq pero' kienu cahdu l-involviment taghhom rigward il-hruq fl-istabbiliment ‘Tanny’.

**Spettur Jesmond Micallef,** rega' xehed fit-12 ta’ Awwissu, 2009 fejn esebixxa vera kopja fotostatika tal-original ta’ kopja ta’ sentenza moghtija mill-Qorti tal-Minorenni mill-Magistrat Dr.Antonio J Vella tat-28 ta’ Frar, 2007 fl-ismijiet **<u>il-Pulizija vs Christian Caruana, Christian Vella, Carloi known as Carl Muscat u Richard Muscat</u>** bhala DOK PCA 1.

**PC435 David Damato** xehed nhar il-11 ta' Marzu, 2009, u kkonferma li Dok JM6 hija stqarrija tal-imputat Samuel Seguna li hija datata 1 ta' Settembru, 2008, u li gharaf lill-imputat Seguna fl-awla. Ix-xhud ikkonferma li huwa kien prezenti meta ttiehdet din l-istqarrija u li l-imputat kien inghata twissija skond il-Ligi u rrilaxxja din l-istqarrija b'mod volontarju. Gharaf il-firma tieghu, dik tal-Ispettur Jesmond Micallef, kull fejn kienu qieghdin jidhru fuq l-istqarrija, u ndika li Samuel Seguna kien ghazel li ma jiffirmax din l-istqarrija.

**PC9 Chris Abela** xehed nhar il-11 ta' Marzu, 2009, u kkonferma li Dok JM5 hija stqarrija tal-imputat Samuel Seguna li hija datata 15 ta' Awwissu, 2008. Ix-xhud ikkonferma li huwa kien prezenti meta ttiehdet din l-istqarrija u li l-imputat kien inghata twissija skond il-ligi u rrilaxxja din l-istqarrija b'mod volontarju. Gharaf il-firma tieghu, dik tal-Ispettur Jesmond Micallef, kif ukoll tal-imputat Samuel Seguna kull fejn kienu qieghdin jidhru fuq l-istqarrija. Ix-xhud gie muri Dok JM7, u kkonferma li hija l-istqarrija ta' Ricahrd Muscat li gharaf fl-awla, u l-istqarrija hija datata 21 ta' Awwissu 2008. Ix-xhud ikkonferma li kien prezenti ghat-tehid ta' din l-istqarrija u li l-imputat inghata twissija skond il-ligi u rrilaxxja din l-istqarrija b'mod volontarju. Ix-xhud gharaf il-firma tieghu dik tal-Ispettur Jesmond Micallef u tal-imputat Richard Muscat li kien ghazel li jiffrima din l-istqarrija. Ix-xhud gharaf dawn il-firem kull fejn jidhru fuq l-istqarrija.

**PS1184 Patrick Grech u PS74** xehedu fis-seduta tal-15 ta' April 2009, u ghamlu referenza ghall-process verbal dok RB2 rigward l-inkjest dwar serqa minn 'Property Quest', Dawret il-Gzejjer, San Pawl il-Bahar nhar id-19 ta' Frar, 2008, u saret referenza ghar-rapport taghhom li jinsab immarkat fl-istess process verbal bhala fol 25 sa fol 35. Ix-xhieda kkonfermaw illi dik hija r-relazzjoni taghhom bhala esperti wara li kienu gew hekk inkarigati li jghamlu mill-Magistrat Inkwirenti Dr. Micallef Trigona f'dik l-inkjesta u ddikjaraw li huma fedelment u onestament qdew l-inkarigu moghti lilhom.

**PS1261 Charles Pace** xehed nhar il-15 ta' April, 2009 u qal li hu kien gie nominat mill-Magistrat Inkwirenti Dr. Doreen Clarke fl-inkjesta li saret dwar serq bi sgass mill-fond 'George's Restaurant', Islet Promenade, Bugibba, nhar il-5 ta' Frar, 2008 u esebixxa dok CCP1 u cioe' vera kopja tar-relazzjoni tieghu li l-original taghha kien gia esebiha fil-proceduri quddiem il-Magistrat Antonio Micallef Trigona fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Richard Muscat**. Ix-xhud iddikjara illi huwa qeghda l-inkarigu tieghu fedelment u onestament.

**PS 581 Loreto Buttigieg** nhar it-12 ta' Awwissu, 2009, u pprezenta okkorrenza tal-Pulizija maghmulha minnu datata 19 ta' Frar, tas-sena 2008 immarkata bhala Dok BLP1, liema okkorrenza ffirmha hu stess wara li kien ikkonfema il-kontenut taghha.

**George Falzon** xehed nhar it-12 ta’ Mejju, 2009, u jghid li huwa l-Propretarju ta’ ‘George’s Restaurant’ gewwa Plajjiet Bognor, San Pawl il-Bahar u li fil-5 ta’ Frar, 2008 kien ghamel rapport fl-Ghassa tal-Qawra li kien safa derubat mill-fond tieghu (minn George’s restaurant) waqt li kien qieghed *weekend break* u wara jumejn mar jiccekja r-restaurant. Qabel ma mar ghal-*weekend break*, kien iccekja u kollox kien sew, mentri wara l-weekend break sab tieqa zghira li taghti ghal gos-sala tar-restaurant li kienet sgassata u l-bieb tal-kcina miftuh. Ix-xhud jghid illi huwa sab diversi oggetti nieqsa u li ma kienx assigurat kontra serq mill-istabbiliment. Jindika li kien ghadda kopja tal-lista tal-oggetti li kien sab nieqsa lil Pulizija pero' mhux lill-Ispettur Jsemond Micallef.

**George Falzon** rega’ xehed nhar il-15 ta’Settembru, 2009, u pprezenta Dok FG1 u cioe' lista ta' oggetti li nsterqu lilu bhala DOK FG 1.

**Angela Demanuele** xehdet nhar it-12 ta’ Awwissu, 2009, u qalet li hija mart Emanuel Demanuele u li ma attendiex il-Qorti dakinhar ghax kien marid. Hi u zewgha propretarji tal-fond ‘Kenneth’, Triq it-Trunciera, San Pawl il-Bahar, li hu hanut tas-*souveniers*. Hi tikkonferma li fit-12 ta’ Frar, 2008, hi flimkien ma' zewgha kienu ghamlu rapport fl-Ghassa tal-Qawra dwar hruq fil-fond li semmiet, u l-hruq kien tant kbir li tilfu kollox. Tghid li kienu assigurati ma' Gasan Mamo Insurance u li gew imhallsa mill-Insurance fuq bini u *stock* u mhux ta' kemm effettivament ghamlu *claim*. Thallsu tmien telef lira maltin (Lm8,000) in kwantu ghall-istock u ghall-apparat konsistenti

f'alarm, fridges, hgieg ecc u dwar il-bini nghataw hmistax il-elf lira Maltin (LM15,000) li b'kollox jigi tlieta u ghoxrin elf lira Maltin (LM23,000). Ix-xhud tispjega li l-istock kien jikkonsisti fi fwejjah, sigaretti, xorb, affarijiet tal-bahar, kull kwalita' ta' *souvenirs*, *T-shirts* u zraben. Ix-xhud tghid ukoll illi il-kotba tal-*accounts* kienu sfaw mahruqa bil-hruq u bbazaw l-*claim* tal-*insurance* minn fuq dokumenti li kienu pprezentaw lid-Dipartiment tal-VAT.

**Dr.Anthony Cutajar** xehed nhar il-15 ta' Settembru, 2009, fejn gie muri process verbal immarkat bhala DOK RB 2 li jirrigwarda inkjesta dwar serq minn 'Property Quest', Dawret il-Gzejjer ta' San Pawl il-Bahar nhar id-19 ta' Frar, 2008 u kkonferma li minn Fol. 7 sa Fol. 23 ta' dawk l-atti hemm ir-relazzjoni tieghu li pprezenta fil-process verbal wara li kien gie hekk nominat espert fl-inkjesta mill-Magistrat Micallef Trigona.

**PS914 Ivan Mifsud** xehed nhar id-19 ta' Ottubru, 2009, esebixxa Dok PM1 u cioe' okkorrenza tal-Pulizija li tirrigwarda serq minn gewwa George's Restaurant, li kienet giet irrapurtata fil-5 ta' Frar, 2008.

**George Cassar** xehed nhar id-19 ta' Ottubru, 2009, fejn qal li huwa l-propretarju ta' 'Property Quest', Dawret il-Bahar, San Pawl il-Bahar. Kien ghamel rapport lill-Pulizija dwar serq li soffra mill-istess fond. Kienu cemplulu f'xi 6.50 fi Frar, Marzu tal-2008, wiehed li jahdem maghhom li ma jiftakarx x'jismu u nfurmah li kienet cemplitlu z-zija tieghu li kienet tghaddi *jogging* minn quddiem il-propjeta u rat xi

hgieg imkisser. Ix-xhud jghid illi huwa mar mill-ewwel fuq il-post u nnota li kien hemm hgieg imkisser u kien hemm id-demm mal-hgieg u mal-art. Stqarr li min dahal, wegga' zgur. Ma dahalx gewwa dak il-hin. Ix-xhud ikompli jghid li wara mbaghad dahal ftit u kien f'pozizzjoni li jikkonferma li kien hemm *TFT* nieqes li kien mal-hajt li kien ta' valur ta' elf lira Maltin (LM1,000). Kien hemm nieqes id-*DVD player* ta' 100 Euro (Euro100). Kien hemm *tower* ta' wiehed mill-*computers* nieqes ta' valur ta' wiehed u iehor erba' mitt euro (400 Euro). Zewg *photo cameras* neqsin ta' xi mija u hamsin euro il-wiehed (150 ewro). Ix-xhud ikkonluda li lill-Pulizija kien taghhom lista aktar dettaljata tal-valur ta' dawn l-oggetti. Ix-xhud kien inxurjat u kien ha il-flus mill-*insurance* kif ukoll tal-hsarat tal-hgieg imkisser.

**Dr. Richard Sladden** xehed nhar l-10 ta' Marzu, 2010, u ghamel referenza ghal Dok RB 3 li hija vera kopja ta' Process Verbal dwar serq bi sgass f' 'George's Restaurant', Islet Promenade Bugibba nhar il-5 ta' Frar, 2008 li kien redatt mill-Magistrat Inkwirenti Dr. Doreen Clarke, u ghamel referenza minn fol 12 sa 38 u stqarr li huma vera kopja tar-relazzjoni tieghu, li huwa kien ghamel meta kien gie nominat bhala espert fl-imsemmija inkjesta.

**Ex Spettur Therese Sciberras** xehdet nhar it-28 ta' Gunju, 2010, dwar rapport numru 9/V/589/2008, rigward incident li sehh fil-lejl ta' bejn l-18 u 19 ta' Frar, 2008 li jirrigwarda serq minn hanut jismu 'Property Quest' li jinsab Dawret il-Gzejjer, San Pawl il-Bahar. Ir-rapport kien

ghamlu s-Sur George Cassar fejn stqarr li kien mar il-hanut tieghu wara li kien issenjalat lilu li kellu xi hgieg tax-*showroom* tieghu mkissrin, jghid li Cassar sab xi affarijiet neqsin fosthom xi compjuter, *HI-FI equipment* u xi affarijiet ohra.

Dakinhar hija kienet l-Ispettur tal-ghassa u kienet kellmet lill-Magistrat tal-ghassa li kien Dr.Antonio Micallef Trigona fejn kien ordna li ssir inkjesta , u kienu nhatru numru ta' esperti fl-inkjesta. Ix-xhud giet murija rapport li kienet ghamlet hi rigward dan l-accident fejn bhala esperti kienu nhattru Dr. A. Cutajar u PS 1184 P. Grech. Is-*Scene of Crime Officers* kienu hadu kampjun ta' demm li kienu sabu fuq il-post mal-hgieg. Dan ir-rapport kien dahal minn PS 581 Loreto Buttigieg.

**Sharon Zammit** xehdet nhar it-28 ta' Gunju, 2010, in rapprezentanza ta' Millenium Insurance Agency Limited u esebit *survey report* bhala DOK SZP1.

Rat id-digriet tal-5 ta' Awwissu, 2010, li permezz tieghu l-Qorti hatret lil Joseph Mallia bhala espert sabiex jiehu l-impronti digitali u l-impronti tal-pali tal-idejn tal-imputat Samuel Seguna u biex jaghmel ezami komparattiv tal-istess impronti ma' Dok 08ALJ301, liema dokument jifforma parti minn Dok RB2 tal-Process u jirrelata bil-miktub lill-Qorti.

Rat li permezz ta' digriet tal-5 ta' Awwissu, 2010, il-Qorti hatret lil Dr Marisa Cassar bhala espert sabiex taghmel l-ezamijiet necessarji fuq l-imputat Samuel Seguna u tiehu *swab* tal-istess imputat u wara taghmel ezami komparattiv tas-*swab* ma' Dok08ALJ202 u tirrelata bil-miktub lill-Qorti.

**L-Ispettur Paul Bond** xehed nhar il-5 ta’ Awwissu, 2010 fejn gie muri dokument DOK RB1 li huwa l- Process Verbal redatt mill-Magistrat Inkwerenti Dr. Joseph Apap Bologna dwar il-hanut ta’ ‘Tanny’, Triq it-Trunciera, San Pawl il-Bahar. Ikkonferma li kien l-ufficjal investigattiv rigward l-inkjesta u ghamel referenza ghal fol. 3 u fol. 4 u kkonferma li hu rapport maghmul minnu stess u gharaf il-firem fuq kull pagna li kellha x'taqsam mar-relazzjoni tieghu. Ix-xhud gie muri wkoll dokument DOK RB3 li hija vera kopja fotostatika ta' Process Verbal u il-Process Verbal mill-Magistrat Inkwerenti Dr. Doreen Clarke dwar is-serq bi sgass mill-fond ‘George's Restaurant’, Island Promenade, Bugibba nhar il-5 ta' Frar, 2008, u ghamel referenza ghal fol. 9 tal-istess Process Verbal u kkonferma li hu rapport maghmul minnu stess u gharaf il-firma fuq l-istess rapport u kkonferma li huwa kien l-ufficcjal investigattiv rigwardanti din l-Inkjesta u kkonferma r-rapport tieghu.

**John Galdes**, xehed nhar il-5 ta’ Awwissu , 2010, bhala rapprezentant ta' Gasan Mamo Insurance li tassigura lil Twanny Ltd, hanut tas-

*souvenirs* gewwa Bugibba. Jghid illi fit-12 ta’ Frar, 2008 gew infurmati li dan il-hanut kellu hsara kkagunata b’nar. Kien tqabbad *surveyor* biex jaghmel l-ispezzjonijiet necessarji, u l-*insurance* kienet hallset il-*pledgee* l-ammont ta' 61,000 Ewro, u esebixxa kopja tas-surroga bhala Dok GM 1.

**Joseph Mallia,** li xehed nhar il-5 ta’ Awwissu, 2010, u jindika li kien ha l-impronti digitali tal-pala ta' idejn u l-impronti digitali ta’ Samuel Seguna bhala Dok JM1 u Dok JM2 rispettivament.

**Joseph Mallia** rega' xehed nhar it-13 ta' Ottubru, 2010, u jghid li in ezekuzzjoni tal-inkarigu moghti lilu mill-Qorti,ipprezenta relazzjoni tieghu li giet immarkata Dok MJ1. Irritorna wkoll dokumenti li huwa kien irtira sabiex jespleta l-inkarigu moghti lilu. Ikkonkluda li ma kien hemm l-ebda rizultat posittiv dwar l-analizi u komparazzjoni li kien ghamel fil-konfront ta’ Samuel Seguna.

**Dr. Marisa Cassar** xehdet nhar it-13 ta Ottubru, 2010, u pprezentat relazzjoni taghha Dok CM1 u rritornat id-dokument Dok08ALJ202 minn Dok RB2 u esebit is-*swabs* li hija hadet u gew immarkati bhala Dok MCP biex tkun tista' tespleta l-inkarigu moghti lilha.

**Dr Marisa Cassar,** li xehdet nhar il-5 ta’ Awwissu, 2010, u esebit is-*swabs* li hija hadet u gew immarkati bhala Dok MCP1.

**Malcolm Mifsud,** xehed nhar it-28 ta' Dicembru, 2010, u spjega li fit-12 ta' Frar, 2008 kien stazzjonat l-ghassa tal-Qawra fejn gew infurmati li kien hemm xi hruq gewwa l-fond 'Ballet', Triq it-Trunciera, San Pawl il-Bahar u mar fuq il-post biex jassisti lil tal-*fire brigade*. Ma kien ghamel l-ebda rapport dwar l-involviment tieghu.

**PS688 Jesmar Muscat,** xehed nhar id-9 ta' Frar, 2011, u stqarr li fit-12 ta' Frar, 2008 kien qed jaghmel ir-ronda flimkien ma' PS 214 u ghall-habta tal-4.30 ta' filghodu fi Triq it-Trunciera San Pawl il-Bahar, u jghid li nnutaw li stabbiliment kellu l-hgiega tal-bieb principali mkissra u li kien hemm xi nar. Ix-xhud jindika li kienu nfurmaw lill- *fire brigate* tax-Xemxija u gabu l-*fire extinguisher* mill-ghassa tal-Qawra, li kienu ppruvaw jitfu n-nar pero' kien ghalxejn. Tal-*fire brigade* irnexxilhom jikkontrollaw in-nar. Ix-xhud jindika li kienu marru fuq il-post tal-Korporazzjoni Enemalta u qatghu d-dawl. Kien infurmat l-Ispetur Paul Bond u nfethet inkjesta Magisterjali.

Rat illi fis-seduta tat-20 ta' Mejju, 2011, l-imputati wiegbu li huma hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghhom salv ghat-tieni u t-tielet akkuza. Din l-ammissjoni kienet giet ikkonfermata miz-zewg imputati wara li anke l-Qorti kienet wissiethom bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi ta' l-ammissjoni taghhom u l-Qorti regghet tathom zmien sabiex jirrikonsidraw l-ammissjoni taghhom dan nonostante nsistew li jirregistraw tali ammissjoni bil-konsegwenzi

taghha. Jinghad ukoll li din l-ammissjoni saret fil-presenza tal-avukati difensuri taghhom (fol. 212).

Rat ukoll illi l-Ufficcjal Prosekutur u d-difiza ghan-nom ta' Richard Muscat nhar it-30 ta’ Novembru, 2012 iddikjaraw illi jaqblu li Richard Muscat ghandu problema ta' *anger management* u konsegwentement talbu lill-Qorti tikkonsidra l-possibilita' li l-imputat jitpogga taht Ordni ta' Probation ghall-fini li jkun assistit sabiex jeghleb din il-problema.

Rat illi l-partijiet ghamlu t-trattazzjoni taghhom dwar il-piena quddiem din il-Qorti diversament preseduta ghalkemm din il-Qorti kif preseduta ma tistax tifhem kif sar hekk stante li l-imputati ma rregistraw l-ebda ammissjoni dwar it-tieni u t-tielet akkuza u ghalhekk din il-Qorti xorta ghandha tara jekk dawn iz-zewg akkuzi jirrizultawx fil-konfront taghhom qabel ma tista tikkunsidra xi sotttomissjoni dwar piena, ghax naturalment jekk dawn iz-zewg akkuzi ma jirrizultawx fil-konfont tal-imputati allura  l-piena tkun inqas severa.

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b’digriet tas-Sinjorija Tieghu l-President tal-Qorti b’digriet tal-21 ta’ April, 2014.

Illi din il-Qorti appuntat il-kawza ghal nhar il-5 ta' Mejju, 2014 u dan bil-ghan sabiex tara jekk il-partijiet kienux lesti li jezentaw lill-Qorti mill-htiega li terga' tisma' ix-xhieda mill-gdid u in oltre sabiex tara jekk kinux ser ibidlu xi parti mill-verbal taghhom antencidenti.

Illi nhar il-5 ta' Mejju, 2014 din il-Qorti semghet lill-partijiet jirreferu ghall-ammissjoni taghhom kif registrata fl-atti a fol. 233 tal-process u talbu lil din il-Qorti tghaddi ghas-sentenza taghha. Din il-Qorti tirrileva li anke f'dan l-istadju  l-partijiet ma ghamlu l-ebda referenza ghat-tieni u tielet akkuza.

Illi ghalhekk ghar-rigward tal-akkuzi kollha salv u b'eccezzjoni ghat-tieni u tielet akkuza din il-Qorti ser tistrieh fuq l-ammissjoni tal-imputati pero' ghar-rigward it-tieni u t-tielet akkuza din il-Qorti sejra tistharreg il-kaz *in funditus*.

Ikkunsidrat:

Illi fit-tieni akkuza l-imputati gew akkuzati talli nhar it-12 ta' Frar, 2008 volontarjament taw in-nara lill-bini maghruf bhala 'Tanit', Triq it-Trunciera, San Pawl il-Bahar  u waqt il-hruq kien hemm xi persuna hemm gewwa u li dan sar ghad-detriment ta' Emanuel Demanuele u/jew ta' persuni ohra, u fit-tielet akkuza gew akkuzati  li volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor,

mobbli jew immobbli, liema hsara teccedi elf, mija u erbgha u sittin Euro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69) li sar ghad-detriment ta' Emanuel Demanuele u/jew persuni ohra.

Illi ghalhekk il-provi li din il-Qorti ghandha tezamina huma dawk relatati ma' dan l-allegat hruq. Jirrizulta li dakinhar il-Magistrat tal-ghassa l-allura illum irtirat Magistrat Dr. Joseph Apap Bologna kien rrediga nkjesta u kien innomina lill-Professur Alfred Vella sabiex jinvestiga l-kaz u jghin lill-Pulizija fl-investigazzjoni taghhom u dan flimkien ma' PS 171 Karl Glanville. L-ufficcjal investigattiv kien l-allura Spettur Paul Bond li meta xehed ma ghamel l-ebda referenza ghall-imputati.

Minn ezami tar-rapport tal-Professur Alfred Vella fuq riferit l-espert jghid a fol. 9 tar-relazzjoni tieghu (fol. 30 tal-atti tal-process) li huwa ma kienx f'posizzjoni li jiddecidi jekk min ikkawza n-nar wara li kien dahal fil-post komplut bl-isgass kienx ghamel hekk deliberatament jew inkella kienx ikkawza l-hruq b'mod accidentali izda mbaghad jikkonkludi u jghid li "*il-fatt li fil-hin li dahal fil-post xi injot jew aktar minn wiehed sehh ukoll nar iwassal ghall-konkluzjoni li n-nar ma kienx accidentali imma x'aktarx ikkawzat mill-persuna jew persuni li dahlu fil-fond*."

Illi ghalhekk a bazi ta' din ix-xhieda ghalkemm moghtija minn espert din il-Qorti ma tistax torbotha mal-imputati odjerni u ghalhekk li zgur

li a bazi ta’ din ix-xhieda izolata ma tistax issib lill-imputati hatja ta’ dawn iz-zewg akkuzi u cioe’ talli taw in-nar b’mod doluz u talli kkagunaw hsara volontarja fl-istess fond. Jinghad ukoll ai fini tal-istess akkuza li l-vittma u cioe’ Angela Demanuele meta giet mistoqsija waqt l-inkjesta jekk kellhiex xi suspett f’xi hadd tghid li ma kellhiex u fl-ebda hin ma ndikat lill-imputati jew tefghet xi tajn fuq il-persuna taghhom.

Illi minn ezami tar-relazzjoni ta’ PS 171 Karl Glanville (fol. 37) jirrizulta biss li huwa ha numru ta’ ritratti tal-fond kif kien jinstab u cioe’ mahruq u b’hekk dawn l-istess ma jorbtux lill-imputati mar-reat in kwistjoni.

Huwa minnu li l-imputati rregistraw ammissjoni dwar is-serq tal-fond pero’ dan ma jfissirx li kienu huma ukoll li taw in-nar lill-fond u l-akkuza ta’ hsara volontarja ma nghatatx mill-prosekuzzjoni in konnessjoni mas-serq ghaliex fil-fatt il-prosekuzzjoni tat l-aggravju tal-mezz in konnessjoni mas-serq u ghalhekk l-akkuza tal-hsara volontarja hija konnessa mar-reat tal-hruq.

L-imputati ma xehdux f’dawn l-atti kif del resto kellhom kull dritt li jaghmlu pero’ kienu rrilaxjaw stqarrija.

Samuel Seguna kien irrilaxja stqarrija nhar il-15 ta Awwissu, 2008 (Dok JM 5 fol. 45) u mistqosi b'mod partikolari mill-ufficjal investigattiv jekk kienx hu li ta n-nar lill-fond minn fejn kien ghadu kif seraq mal-ko akkuzat iwiegeb b'mod kategoriku u jghid li mhux hu ex admisses jghid " *le ovvjament li le. Ma tajtux nar lil dak il-post. Jien ma hraqt imkien le*." Illi Seguna rrilaxja stqarrija ohra nhar l-1 ta' Settembru, 2008 dok JM 6 (fol. 52) u rega' gie mistoqsi jekk kienx hu li ta n-nar lill-hanut u ghal darb'ohra jghid li ma kienx hu. Huwa minnu li l-imputat ghazel ma jwegibx certu domandi pero' fiz-zmien meta giet rilaxxjata din l-istqarrija r-*rule of infence* ghadha ma kinitx parti mis-sistema legislattiva taghna u ghalhekk minn tali nuqqas ta' twegiba din il-Qorti ma tista' taghmel l-ebda inferenzi.

Dwar l-imputat Richard Muscat dan ukoll ma xehdx f'dawn l-atti kif kellu kull dritt li jaghmel pero' hu ukoll irrilaxja stqarrija li giet immarkata bhala dok JM7 esebita fl-atti a fol 54. Mistoqsi jekk kienx hu li ta n-nar lill-hanut iwiegeb fin-negattiv u jghid li ma jafx kif ha n nar il-hanut. Mistoqsi jekk kienx l-ko akkuzat Seguna jghid li jahseb li hu hekk. Din ix-xhieda pero' ma taffettwax il-ko akkuzat u dan minhabba l-principju legali li dak li jghid imputat jorbot jew iholl lilu biss u ma jaffettwax lill-ko akkuzat jekk ma jkunx korroborat ma' xi prova ohra li f'dan il-kaz ma hemmx.

Illi ghalhekk dwar it-tieni u t-tielet akkuza din il-Qorti tiddikjara li mhux qed issib lill-imputati hatja taghhom.

Dwar il-piena:

Il-Qorti ezaminat il-provi kollha, rat ukoll is-severita' tal-akkuzi kif moghtija fil-konfront tal-imputati, qieset li dan il-kaz ilu pendenti ghal dawn l-ahhar sitt snin u tul din il-kumpilazzjoni l-imputati ma ghamlux reati ohrajn jew almenu hekk jirrizulta mil-atti. Jidher li l-imputat Samuel Seguna li ghandu tmienja u ghoxrin sena (ghaliex twieled fis-sena 1986) ghandu fedina penali netta bla ebda tebgha ta' reat jew kontravenzjoni registrat fuqha (Dok. JM 2 fol. 10) waqt li l-ko akkuzat Richard Muscat li ghandu 24 sena ghaliex twieled fis-sena 1990 ghandu biss reat wiehed registrat fuqhha dwar serq ta' hwejjeg ta' valur ta' inqas minn ghaxar liri Maltin (LM10) registrat fis-sena 2007 meta nghata *unconditional discharge* minn din il-Qorti diversament preseduta. Illi ghalhekk jidher li z-zewg imputati ghandhom jigu trattati daqs li kieku kienu '*first time offenders*' ghalkemm din il-Qorti ma tistax ma tindikax li r-reati li taghhom qed jinstabu hatja huma reati serji.

Din il-Qorti hasbet fit-tul dwar l-aktar mezz idoneju kif ghandhom jigu trattati l-imputati.

F'dan il-kaz, ghaddew aktar minn sitt snin mill-kommissjoni tar-reati inkwistjoni u l-imputati baqghu b'kondotta nadifa, u ghalhekk hija

tal-fehma li huwa aktar opportun li l-imputati jpattu ghall-agir taghhom billi jwettqu xoghol fil-komunita`. Barra minnhekk ikun opportun li l-imputati jkunu taht is-sorveljanza ta' ufficcjal tal-*probation* kif suggerit mill-istess partijiet seduta stante quddiem din il-Qorti diversament preseduta sabiex ikun assigurat li jibqghu fit-triq it-tajba, u dan b'kundizzjonijiet idoneji fosthom li Richard Muscat jindirizza l-problema li huwa ghandu ta' *anger management*.

Ghaldaqstant din il-Qorti wara li rat l-Artikoli tal-Ligi u cioe' **Artikoli 17, 18, 23, 31, 261 (b) (c) u (f), 263, 264, 265, 267, 270, 278(1)(2) u (3), 279, 280(1)(2), 281(a), 317(a)(ii), (b), 318, 325(1)(a) u (2) u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li qed issib lill-imputati hatja tal-akkuzi kollha kif addebitati fil-konfront taghhom salv u b'eccezzjoni ghat-tieni u t-tielet akkuza minn liema zewg akkuzi qed tilliberhom u tiddecidi li a tenur tal-Artikolu 18 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna li l-imsemmija SAMUEL SEGUNA U RICHARD MUSCAT jitqieghdu taht ordni ta' *probation* u servizz taht is-sorveljanza ta' Ufficcjal tal-*Probation* ghal tliet snin mil-lum skond id-digriet hawn anness u li jaqdu ordni ta' servizz fil-komunita` billi jaghmlu xoghol bla hlas ghal mitt siegha f'dak il-post u skond l-arrangamenti li jsiru mill-Ufficcju tal-*Probation* bl-approvazzjoni ta' din il-Qorti, u bil-kundizzjonijiet l-ohra ndikati fl-istess ordni hawn anness.**

**Dan l-ordni qed isir wara li din il-Qorti spjegat lill-imputati bi kliem li jiftiehmu sew l-effett ta' l-ordni u li jekk huma jonqsu li jikkonformaw ruhhom mal-ordni jew jaghmlu xi reat iehor, huma jkunu jistghu jinghataw sentenza ghar-reat originali.**

**Ai termini tal-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-ordni ta' probation bid-digriet ta' llum stess ghandhom jigu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation u Parole sabiex jassenja Ufficcjal tal-Probation biex ikun responsabbli ghas-sorveljanza ta' SAMUEL SEGUNA U RICHARD MUSCAT.**

**Tordna ukoll li tinghata kopja ta' din is-sentenza lill-imputati u dan wara li ddikjaraw li fehmu l-import ta' din is-sentenza.**

**Il-Qorti qieghda ukoll takkolji t-talba tal-prosekuzzjoni sabiex ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundanna lill-imputati sabiex in solidum ihallsu l-ispejjez kollha relatati mal-hatra tal-esperti salv dawk relatati mal-inkjesta li saret in konnessjoni mat-tieni u t-tielet akkuza stante li minn dawn iz-zewg akkuzi l-imputati gew liberati.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------